# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija
# BURMARRAD

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

**LEĦEN IL-PARROĊĊA   Awwissu 2011   -   Nru. 346**



**Ħallini llum, ħelwa Marija,**
**Nersaq f'riġlejk sabiex nitolbok**
**Titlob għalija 'l Ġesu' Ibnek.**
**Għax jien naf żgur li jisma' minnek!**

## Il-Paci Magħkom

Wara li għaddejna l-festa b'wiċċ il-ġid nixtieq nibda bir-ringrazzjamenti. Grazzi kbira l-Alla ta' l-għajnuna li huwa jagħtina fil-ħidma pastorali tiegħu. Mhux biss imma ukoll lil Ommu Marija tas-sapport tagħha u l-għajnuna li hija tagħtina matul is-sena.

Ngħid grazzi kbira lil kulħadd imma speċjalment lil dawk kollha li ħadmu biex setgħet tittellha festa oħra fil-parroċċa tagħna. Miniex se noqgħod insemmi gruppi u anqas ismijiet għaliex żgur ninsa lil xi ħadd peress li huma ħafna dawk li jaħdmu minn sena għal oħra għall-preparazzjoni tal-festa. Huma ħafna dawk li narawhom bis-sħiħ fl-attivitajiet imma nassigurakhom jiena li hemm ħafna oħrajn li dawn jippreferu ma jidrux imma ikunu qegħdin iwettqu x-xogħol u l-ħidma tagħhom xorta waħda. Ta' dan ngħid grazzi lil kulħadd għaliex mingħajrom ma jista jsir xejn.

Raħal żgħir imma Qalb Kbira, festa zgħira u sempliċi imma li veru nagħtu ġieħ lil Ommna Marija. Għaliex bis-sempliċita tagħna aħna qegħdin inkunu ta' ezempju għall-parroċċi oħra u dan jagħmlilna unur kbir lilna li aħna nagħmlu parti minn dan ir-raħal ta' Burmarrad.

Kif tafu din is-sena kienet ukoll għeluq l-erbgħin sena mit-twaqqif tal-parroċċa, grazzi l-Alla l-imbierek tal-qawwa u saħħa li jitfa fuqna biex aħna nkomplu inxerdu l-kelma Tiegħu. Saru opri ġodda li stajna narawhom u ingawduhom. Grazzi ħafna lil min ħadem f'dawn l-ornamenti imma nirringrazzja lil dawk il-benefetturi li ħalsu dawn l-opri li saru fil-Knisja din is-sena.

Is-sajf huwa żmien sabiħ, ingergru għaliex is-saħna, żmien fejn nistrieħu ftit, u tajjeb li nistrieħu għaliex huwa importanti għal ġisem tagħna. Imma ħbieb tajjeb li mhux għax is-sajf nieħdu vaganza ukoll mis-sagramenti, is-sħana ma għandiex tbegħdna milli nigu nisimgħu nofs siegħa quddiesa. Speċjalment it-tfal tagħna, qegħdin fil-vaganzi, għaliex ma għandniex nibgħatuhom quddiesa kuljum. Ma tantx għandkom bogħod għal knisja, insibu ħafna ħin għal kollox għall-baħar, bbqs u divertiment ieħor. Għalhekk inħeġġeġ lilkom ġenituri biex tibagħtu lil uliedkom għall-quddiesa, ftit impenn minn naħa tagħkom, jagħmel ta' ġid għalikom kif ukoll għal uliedkom.

Fil-ħajja kollox jgħaddi imma ħaġa waħda biss ma tgħaddix ħija l-Kelma ta' Alla.

Tkunu imberkin<br>
P. Donald M. Bellizzi<br>
Kappillan

# X'Sens Għandha Ħajti?

Darba wahda kummidjant zar skola tat-tfal zghar fejn kien hemm jattendi ibnu z-zghir. Qalulu biex jghid xi haga lit-tfal prezenti. Qam u qalilhom:

- ***Tfal, ghozzu dan iz-zmien, ghax huwa z-zmien fejn ghadkom tistghu taghmlu l-ghazliet tal-hajja. Dan iz-zmien se jghaddi malajr.***
- ***Meta ssir teenager, se tahseb li tista' taghmel kollox u li trid. U veru hekk hu.***
- ***Meta taghlaq ghoxrin is-snin itiru bhal holma.***
- ***Fit-tletinijiet tibda trabbi l-familja, iggemma' l-flus u tghid: Kif ghaddew dawn is-snin? Lanqas irrid nemmen!***
- ***Meta tmiss l-erbghin trabbi z-zaqq u geddum doppju. Ix-xaghar jitlef kuluru u t-tikmix ma tlahhaqx mieghu. Il-muzika tibda ssir qawwija, u shabek jibdew isiru nanniet.***
- ***Meta taghlaq hamsin iz-zjarat ghand it-tabib jizdiedu u l-interventi l-isptar isiru komuni wkoll.***
- ***Meta taghlaq is-sittin tircievi l-kartanzjan u tibda thallas inqas fuq tal-linja. Il-muzika ghadha gholja, imma issa ma jimpurtax ghax lanqas tisma' m'ghadek.***
- ***Sebghin. Il-breakfast tibda tiehdu qabel torqod, u l-ikla ta' fil-ghaxija taghmilha fl-erbgha ta' wara nofs in-nhar. Sikwit tgerger bejnek u bejn ruhek – It-tfal kif lanqas icemplu ftit? It-tfal x'sar minnhom?***
- ***Tmenin. L-eta' tal-Bibbja, jekk tilhaqha! Taghtik puplesija kbira, tispicca tgedwed wahdek u ma taghraf lil hadd.***

***Tfal, ghandkom xi mistoqsija fuq dan li ghidt?***

**JIEN MIN JIEN? X'INHU L-ISKOP TA' HAJTI? X'SE JIGRI MINNI META HAJTI TISPICCA?**

Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil tezor mohbi f'ghalqa, jew lil gawhra tiswa hafna, jew lil huta tajba li tinghazel mill-hziena.

Hafna nies illum tilfu l-iskop ta' hajjithom. It-tezor taghhom huma l-karozza sabiha, il-flus, il-karriera, il-passjoni ghall-isport jew xi delizzju iehor, dar sabiha, poter, safar, divertiment….Is-salvazzjoni ta' ruhek tiswa inqas mid-dar li tghix fiha, mill-iskola li jattendu uliedek, mill-hxuna tal-kont tal-bank, jew mill-karozza li ssuq?

L-Gherf ta' Alla (mhux tad-dinja) jghinni nfittex ir-risposta ghall-mistoqsija fundamentali ta' hajti. Darba wiehed sacerdot zaghzugh qal: *Kull darba li mmur id-dar inzur lil genituri, nasal wasla sac-cimiterju fejn hemm il-fdal tan-nanniet u l-qraba tieghi. Kull zjara tfakkarni li qeghdin nikbru u li l-eternita' qeghdha toqrob lejna.*

Tisma' l-ahbarijiet u taqra l-gazzetti u jekk ghandek ftit Gherf tinduna li d-dinja tal-lum miexja daqs li kieku Alla ma jezistix. Id-dinja trid tnessina li l-ghazliet li naghmlu f'din il-hajja ghandhom konsegwenzi eterni. Ix-xitan irnexxielu jikkonvinci lid-dinja li d-dnub ma jezistix. Jezisti biss dak li nhoss jien – jien biss naghzel x'inhu tajjeb jew hazin ghalija.

Hemm bzonn nuru lid-dinja li l-imhabba vera hija possibbli. Gesu' biss jurina kif ghandna nhobbu tassew. Mela l-unika haga mportanti f'hajti hija li naghmel dak li jghid Hu, li nhobb kif habb Hu. Wara mewtna kollha kemm ahna se nintesew.

**Wiehed biss se jibqa' jiftakarna – Alla.**

# Kalendarju Awwissu

| | |
|---|---|
| **Il-Ħamis 4 :** | Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' |
| **Is-Sibt 6 :** | Adorazzjoni fis-6.00pm b'riparazzjoni għal offizi li jsiru lill-Qalb ta' Ġesu' u l-Qalb ta' Marija |
| **Il-Ħamis 11:** | Festa ta' Santa Chiara |
| **Il-Ħadd 14:** | Festa ta' San Massimilja Kolbe<br>Laqgħa tal-grupp Familji insara fl-10.30pm |
| **It-Tnejn 15:** | Festa ta' Santa Marija |
| **It-Tlieta 30:** | Adorazzjoni tal-Ħniena Divina fil-knisja fis-6.00pm |

# Rokna għat-Tfal - Awissu

Ħellow tfal,

Kif intom? Nispera li qed tieħdu gost fil-vaganzi tas-Sajf u qed tistrieħu. Fadlilkom ftit mhux ħażin x'tiddevertu u tilagħbu! Illum propju ddeċidejt li nghidilkom storja dwar xi tfal li kienu jħobbu jilagħbu l-logħba tan-noli. Naħseb tfal intom tafu kif tintlagħab din il-logħba hux? Ikun hemm tifel jew tifla li joqogħdu wiċċhom mal-ħajt u jgħoddu minn wieħed sal-għaxra sakemm it-tfal l-oħra jistaħbew. Imbagħad minn ikun wiċċu mal -ħajt ikun irid joħroġ lit-tfal kollha minn fejn ikunu mistoħbijin.

Samwel, fil-vaganzi kien iħobb imur jilgħab fid-dar tan-nanniet tiegħu. Hemm kienu jiġu l-kuġini u xi ħbieb tiegħu u joqogħdu jilagħbu flimkien. Darba, kien il-Ħadd wara nofsinhar u ftehemu li jilagħbu noli. Fid-dar tan-nanniet kien hemm ħafna postijiet tajbin fejn wieħed seta' jistaħba. Dawn it-tfal staħbew f'kull rokna fejn ħaddieħor ma setax jarahom.



Tifla minnhom, Marija, qagħdet wiċċha mal-ħajt sakemm it-tfal kollha staħbew. Kif lestiet tgħodd in-numri minn wieħed sal-għaxra bdiet tfittex lit-tfal. Damet tfittex mhux ħażin. Irnexxielha toħroġ mill-moħbiet lit-tfal kważi kollha, wieħed wieħed. Imma lil Samwel ma setgħetx issibu. Bdiet taqta' qalbha għalhekk talbet l-għajnuna tat-tfal l-oħrajn biex ifittxu lil Samwel huma wkoll. It-tfal kollha fittxewh għal ħin twil imma lil Samwel ma setgħux isibuh. Peress li beda jidlam bdew jgħajtulu kemm jifilħu imma kien kollu ta' xejn għax baqagħu ma sabuhx u telqu lejn id-dar.

Hekk kif Samwel ma sema' xejn iżjed madwaru ħareġ mill-moħba tiegħu. Issa ma kien sab lil ħadd. La kien hemm il-kuġini u lanqas ħbiebu. Kien hemm biss in-nannu Frans bilqiegħda fuq l-għatba jaqra l-gazzetta. Hekk kif Samwel ra lin-nannu ħa nifs il-ġewwa u nfexx jibki bikja kbira. In-nannu staqsa liċ-ċkejken għalfejn kien qed jibki. Waqt li Samwel baqa' jibki wieġeb li meta kien mistoħbi ħadd ma kien mar ifittxu lilu. Kif semgħu jgħid hekk, in-nannu dawwar idejh mat-tifel, għ afsu miegħu u bil-ħlewwa qallu: ''Mela bħal Ġesu'... dak ukoll...qiegħed moħbi fid-dinja... hu qed jibki, għax aħna mhux qed infittxuh!''

Tfal, kemm tkun ħaġa sabiħa li biex aħna ma nkunux bħal dawk li mhumiex ifittxu lil Ġesu', niftakru fih billi ngħidulu talba sabiħa kuljum. Nibdew minn filgħodu billi nirringrazzjawh għal-lejl tajjeb li jkun tagħna, qabel u wara l-ikel nirringrazzjawh għall-ikel li jkun ipprovdilna u filgħaxija qabel norqdu nirringrazzjawh tal-jum li jkun tagħna u nitolbuh ji-bagħtilna lejl tajjeb u ta' mistrieħ. Tajjeb ukoll li niftakru fih matul il-ġurnata u ngħidulu grazzi ta' kemm tana affarijiet sbieħ pereżempju tan-natura, tal-ġenituri u ħutna. Għ andna nkellmu lil Ġesu' meta mmorru nżuruh fil-knisja u forsi ni-tolbuh ukoll xi grazzja li nkunu nix-tiequ.



Nispera tfal li din l-istorja tal-lum għoġbitkom u tgħallimtu minnha wkoll. B'hekk żgur Ġesu jkun kuntent bina lkoll ... Nerġgħu niltaqgħu!

M'Claire

# L-Ewwel Tqarbina

## 5 ta' Ġunju 2011

Rebecca Buttigieg
Tay Campbell
Amira Drdera
Karl Gauci
Leon Muscat
Jessica Vella
Kaya Mifsud
Isaac Camilleri




Owen Camilleri
Nigel DeBebattista
David DeCarlo
Owen Mangion
Miriam Tanti
Maya Mifsud
Donna Muscat
Stefan Spiteri

## L-Ewwel Tqarbina - 22 ta' Ġunju 2011

Kylie Camilleri Francesca Grech Jamie Borg

## Is-Sagrament tal-Griżma ta' Isqof

## 17 ta' Lulju 2011



Rebecca Bonnici
James Borg
Kurt Borg Bonaci
Rachel Buttigieg
Nicola Cassar
Emma Fenech
Anthea Formosa
Kelsey Marham
Gorden Mangion

# Gurnata Etna Land



**Għal min iħobb jgħum Ġurnata l-Etna Land. Divertiment għal kulħadd. Din sejra issir fit-30 ta' Awwissu. Ħlas Kbar 124 Euro u tfal taħt 14 il-sena huwa ta' 54 Euro. It-tfal iridu jkunu akkumpanjati mill-ġenituri. Aktar informazzjoni mingħand il-kappillan.**

# L-Indulġenzi

Ir-rebħ tal-indulġenzi mogħtija mill-Knisja permezz tal-merti tal-ħajja, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesu Kristu (u dawk tal-Madonna u l-Qaddisin).

**Importanti:** L-indulġenzi ma jaħfrux id-dnubiet. Id-dnub jinħafer permezz tal-indiema, u s-sagrament tar-rikonċiljazzjoni. L-indulġenzi jaħfrulna l-piena taż-żmien, jiġifieri l-piena li jkollna nħallsu tad-difetti u d-dnubiet venjali, kif ukoll tal-piena temporali tad-dnubiet maħfura.
L-indulġenza plenarja taħfer il-piena temporali kollha kemm hi. Jekk wieħed jirbaħha qabel mewtu imur il-ġenna dritt bla ma jmur il-purgatorju. Bl-indulġenza parzjali wieħed jiskonta parti mill-piena taż-żmien. Hija prerogattiva tal-Knisja ta' kif jitqassmu dawn il-merti – indulġenzi. Ġeneralment dan ikun marbut ma' xi talb jew opri tajba kif mitluba mill-Knisja. Huwa għaqli li wieħed jagħmel użu minn din l-għotja biex inaqqas mill-purgatorju tiegħu jew biex japplikahom għall-erwieħ tal-purgatorju.

Wieħed jista' jirbaħ L-Indulġenza Plenarja kuljum billi jagħmel waħda minn dawn:

i) reċita devota tar-Rużarju,

ii) nofs siegħa adorazzjoni Ewkaristika,

iii) Via Sagra quddiem il-kwadri fi knisja,

iv) nofs siegħa qari tal-Iskrittura.



L-Ħabiba tagħkom,

Carmena Gatt

# FORMAZZJONI TAGĦNA U TA' ULIEDNA

## Pellegrini...

Xi ħmistax ilu ftaħt l-email account tax-xogħol bħalma nagħmel kull fil-għodu. Waħda mill-emails kienet mingħand kollega tiegħi fejn qalet illi tfajla ta’ 25 sena li sa tliet snin ilu kienet studenta tagħna l-Universita’ ħallietna. Inħsadt b’din l-aħbar; ħassejtni ninqata’ minn ġewwa u ma stajtx nissettilja – Sara kienet tfajla gustuża u ferriħija, ġibtha quddiem għajnejja fil-bank ta’ quddiem dejjem ħerqana biex titgħallem. Kont naf li kienet għal qalbha ħafna fix-xogħol tagħha bħala ħaddiema soċjali mal-anzjani. Ma stajtx nemmen illi issa kienet bla ħajja.

Il-mewt għall-għarrieda tagħha ġegħlitni nistaqsi elf mistoqsija dwar il-ħajja u l-mewt, dwar it-twemmin tiegħi, dwar Alla tiegħi... Bqajt imregħxa u ddubbitajt kellix biżżejjed kuraġġ nattendi għall-funeral.

Fl-aħħar iddeċidejt li mmur. Kienet esperjenza kommoventi ħafna li ġegħlitni naħseb mhux ftit. L-omelija tas-saċerdot kienet waħda li kompliet tqajjimli mistoqsijiet u riflessjonijiet. Wara li rrikonoxxa li din kienet sitwazzjoni iebsa għal dawk li kienu qrib ta’ Sara, is-saċerdot qal illi aħna għandna nafdaw illi wara din il-ħajja hemm ħajja oħra – għandna nġibu ruħna b’mod illi nuru li nemmnu li dan ma kienx it-tmiem iżda il-bidu. Nammetti li dak il-ħin dan rajtu diskors iebes – kelli aptit naqbeż u nistaqsi kif xi ħadd jista’ jistenna illi l-familjari jkunu jistgħu jilqgħu dan id-diskors f’mument daqshekk iebes. Iżda wara li rriflettejt aktar fuq dak li smajt indunajt illi l-unika mod li permezz tiegħu nistgħu insibu paċi u trankwillita’ ġewwinija meta aħna nintlaqtu minn esperjenzi iebsa bħal dawn huwa biss dak li tkellem dwaru dak is-saċerdot – irridu nkunu lesti li ma nintrabtux iż-żejjed ma’ din il-ħajja, iżda nħarsu lejha bħala xi ħaġa temporanja. Wieħed jista’ jsewwed qalbu u jinħakem mill-biża’ jekk jaċċetta din ir-realta’, iżda min ikun għaqli u matur biż-żejjed ma jiġrilux hekk.

L-għaqli jirrealizza illi li ma nkunux marbuta mal-ħajja ma jfissirx li aħna ma nkunux inħobbu l-ħajja; anzi għall-kuntrarju jkun ifisser illi aħna nfittxu li ngħixu kull mument fil-ħajja tagħna bl-aħjar mod li

nistgħu; ifisser illi aħna ngħixu ħajjitna fuq din l-art bħala pellegrini; ifisser li nitgħallmu nagħżlu sewwa fost il-prijoritajiet tagħna; ma nibżgħux nidħlu għal sfidi ġodda u fuq kollox ma nibżgħux inħobbu, għax fl-aħħar mill-aħħar hija din l-imħabba li tibqa' ħajja u tbaqbaq meta jkollna firdiet bħal dawn. Din l-attitudni lejn il-ħajja, imsaħħa bil-fidi tagħna fil-ħajja ta' dejjem tgħinna sabiex tassew inkunu bnedmin meħlusa mill-irbit.

*Did-Darba Biss,* poeżija tal-poeta bravu Oliver Friggieri naħseb li tiġbor dan kollu li għidt hawn fuq b'versi ħafna aktar mirquma, u għalhekk se nikkwotah:

Did-darba biss se ngħaddu minn dit-trejqa
u sakemm naslu rridu naraw kollox
u ngħaffġu sewwa t-trab ta' taħt riġlejna
u mmissu l-forom strambi ta' madwarna
u ngħidu l-isbaħ kelma lill-ħbieb kollha
li forsi huma wkoll se jgħaddu darba.

Did-darba biss, u rridu nħossu x-xita
u nħarsu dritt fl-għajnejn ta' min jagħrafna
għax forsi darba biss id-dawl se jixgħel,
u rridu ngħoddu l-kwiekeb ta' fuq rasna
għaliex kull waħda minnhom twieldet magħna
u magħna trid tintefa f'tarf it-trejqa.

Irridu nsellmu 'x-xemx qabel ma tinżel
u nistennew lill-qamar isib postu
naqtgħu il-ward li kiber mal-mogħdija
u nsaqqu x-xtieli li telgħin warajna,
ninħaslu fl-ilma fietel ta' l-għadira,
inxiddu l-uniformi ġdida tagħna
u nerġgħu nibku l-bikja ta' twelidna
għax darba biss se ngħaddu minn dit-trejqa.

*Oliver Friggeri*

Bħala ġenituri u edukaturi għandna responsabbilta' kbira sabiex ngħaddu dan l-għaqal lil uliedna – għaqal li jkabbar l-abilta' fihom li jirrispettaw il-ħajja u jgawduha ta' bil-ħaqq. Hija responsabbilta' tagħna li bl-eżempju tagħna ta' nsara nuru lil uliedna is-sbuħija tal-ħajja meta wieħed jgħixha bħala pellegrin.

Daniella Zerafa

# Tajjeb Tkun Taf

Żewġ opportunitajiet għall-familja kollha
fiċ-Ċentru Pastorali Sant Antnin:



Kappella tas-Sagrament
“Dawl Għalik” miftuħa kull
nhar ta’ Ħamis mid-9.00am
sa 12.00pm



Librerija “San Ġuzepp
ta’ Kopertino”, miftuħa
kull nhar ta’ Ħamis
mid-9.00am sa 12.00pm

Agħmel użu minnhom inti u
ħeġġeġ lil ħaddieħor ukoll!